# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum, il-Ħamis,**
**Sittax (16) ta’ Jannar 2025**

**Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1977/2024/1**

**Aġenzija Dwar is-Servizzi tal-Qrati**

**Vs**

**General Workers’ Union**
**u**
**UHM Voice of the Workers**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta’ Inibizzjoni ppreżentat permezz ta’ rikors fit-28 ta’ Novembru 2024 fejn l-Aġenzija Dwar is-Servizzi tal-Qrati talbet lill-Qorti twaqqaf lill-intimati General Workers’ Union u UHM Voice of the Workers milli jagħmlu s-segwenti:

   *Jkomplu jattwaw, isegwu, jżommu u/jew jissoktaw bl-azzjonijiet industrijali jew bl-implimentazzjoni jew applikazzjoni tad-direttivi jew azzjonijiet industrijali diġà mogħtija, u/jew jagħtu direttivi ġodda jew jagħmlu azzjonijiet industrijali diġà mogħtija, u/jew jagħtu direttivi ġodda jew jagħmlu azzjonijiet industrijali fuq materji kollettivi, u/jew b’mod kollettiv relatati mal-impjegati membri tagħhom li jaħdmu mal-Aġenzija rikorrenti, fil-Qorti ta’ Malta u/jew t’Għawdex, jew jippermettu li dan isir.*

2. Rat id-dokumentazzjoni kollha eżebita mir-rikorrenti flimkien mar-rikors promotur.

3. Rat illi fis-27 ta’ Novembru 2024, il-Qorti laqgħet il-Mandat provviżorjament u appuntatu għas-smigħ ghad-9 ta’ Diċembru 2024.

4. Rat ir-risposta ta’ l-intimati General Workers’ Union ppreżentata fil-5 ta’ Diċembru 2024 fejn issottomettew illi t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u dana abbażi ta’ varji argumenti mressqa fl-istess risposta, u għalhekk il-Mandat kellu jiġi miċħud.

5. Rat ir-risposta ta’ l-intimati UHM Voice of the Workers ppreżentata fid-9 ta’ Diċembru 2024 fejn qablu mat-talbiet tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati.

6. Rat illi l-Mandat kien appuntat għat-trattazzjoni finali għad-9 ta’ Diċembru 2024.

7. Rat illi fil-5 ta’ Diċembru 2024, il-General Workers Union talbet differiment, liema differiment ma’ kienx oppost, u għalhekk il-Mandat ġie differit għat-trattazzjoni finali għall-14 ta’ Jannar 2025.

8. Semgħet it-trattazzjoni fit-tul ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet fl-14 ta’ Jannar 2025, wara liema trattazzjoni l-Mandat ġie differit għal-lum għal digriet finali.

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

9. Il-Qorti tqis illi qabel ma tinoltra ruħha aktar fil-meritu tal-Mandat, fuq bażi *prima facie*, ikun opportun illi jiġu meqjusa l-aspetti legali li jirrigwardaw l-azzjoni odjerna.

10. Jirriżulta, di fatti, illi a tenur ta’ l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita’ milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista’ tkun ta’ preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

11. Jirriżulta wkoll illi, a tenur ta’ l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m’għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

12. Jirriżulta illi fil-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru 1710/16LM fl-ismijiet “**Mary Grace D’Amato vs Raymond Micallef et**” deċiż fis-16 ta’ Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjesti għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

> *Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni:*
>
> *(1) <u>ikun sejjer isir xi att li jista’ jkun ta’ preġudizzju ta’ xi jedd tar-rikorrenti</u>: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*
>
> *(2) <u>iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd</u>: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta’ preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta’ preġudizzju rikjest bħala bażi ta’ akkordar ta’ ħruġ ta’ mandat, hu preġudizzju “li ma jkun jista’ jiġi irrimedjat”. Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat*

*jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ il-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.*

*Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet* **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*

> *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

> *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke*

*jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) <u>Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali</u>. Ara* **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

> *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "<u>Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn</u>. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* **Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti**, *Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) <u>Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi</u>. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

<u>**Konsiderazzjonijiet Fattwali**</u>

13. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-ilment mressaq quddiem dina l-Qorti, u li wassal għat-talba tal-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni hija Direttiva, maħruġa mill-General Workers' Union, datata 27 ta' Novembru 2024, li biha eskalat Direttiva ġia maħruġa fl-20 ta' Novembru 2024 u reża eżegwibbli mis-26 ta' Novembru 2024, kif ukoll Direttiva separata maħruġa mill-UHM fis-26 ta' Novembru 2024.

14. Jirriżulta illi d-Direttiva maħruġa mill-GWU fl-20 ta' Novembru 2024 kienet riżultat ta' deċiżjoni komunikata lill-partijiet kollha mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg datata 12 ta' Novembru 2024, fejn il-General Workers' Union ġiet mgħarrfa li, a tenur tal-Artikolu 7 (1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.112, il-General Workers' Union ma setgħetx tiġi rikonoxxuta mid-Dipartiment mal-Aġenzija rikorrenti, bħala l-entita' li setgħet tidher u tinnegozja għal nom ta' uħud mill-uffiċjali fl-istess Aġenzija, kif indikat mill-istess General Workers' Union fl-email tagħhom datata 5 ta' Novembru 2024.

15. Jirriżulta, di fatti, illi a tenur tal-Artikolu 7 sub inċiz (1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.112:

    *Fejn hemm union rikonoxxuta fil-post tax-xogħol, l-ebda talba minn union jew unions oħra tista' ssir matul il-perjodu li jibda minn tlett xhur qabel jiskadi ftehim kollettiv sa tlett xhur wara d-data tal-iskadenza tat-tali ftehim kollettiv.*

16. Jirriżulta illi, abbażi ta' dina l-interpretazzjoni, il-General Workers' Union ġiet mgħarrfa illi ladarba l-'Collective Agreement' tal-ħaddiema tal-Qorti kien ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024, huma setgħu biss jagħmlu tali rikjesta wara il-31 ta' Marzu 2025, ossija wara li jkunu għaddew tlett xhur mill-iskadenza ta' l-istess Collective Agreement.

17. Jirriżulta illi l-General Workers' Union ma ressqet ebda appell quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex tikkontesta tali deċiżjoni.

18. Jirriżulta illi, mill-banda l-oħra, il-General Workers' Union, filwaqt illi għarrfet lill-Aġenzija illi hija ma kinetx qiegħda taqbel mad-deċiżjoni tad-Dipartiment, fid-19 ta' Novembru 2024 għarrfet lill-Aġenzija rikorrenti illi hija kienet qed tirreġistra tilwima mal-Aġenzija u kienet qed tordna lill-Membri kollha tagħha sabiex, fost affarijiet oħra, ma jirrimpjazzawx lill-impjegati oħra illi jkunu neqsin jew ikunu morda kif ukoll sabiex ma jagħmlux 'recording' tas-seduti tal-Qorti.

19. Jirriżulta illi tali Direttiva kellha tkun applikabbli fl-20 ta' Novembru 2024, iżda ġiet sospiża sakemm, eventwalment, fil-25 ta' Novembru 2024 il-General Workers' Union għarrfet, għal darba oħra, illi ma kinetx qed taqbel mal-parir tad-Dipartiment, u għalhekk kienet qiegħda tordna d-Direttiva bħala applikabbli b'effett mis-26 ta' Novembru 2024.

20. Jirriżulta illi, nelfrattemp, fis-26 ta' Novembru 2024, il-UHM, da parte tagħha, għarrfet illi hija kienet "qed tirriattiva t-tilwima industrijali" u għalhekk kienet qed tordna lill-Membri kollha tagħha sabiex, fost affarijiet oħra, ma jirrimpjazzawx lill-impjegati oħra illi jkunu neqsin jew ikunu morda kif ukoll sabiex ma jagħmlux 'recording' tas-seduti tal-Qorti.

21. Jirriżulta, sussegwentement, illi fis-27 ta' Novembru 2024, il-General Workers' Union, hemm kif iddikjarat "*li kull sforz biex tinstab soluzzjoni ġie eżawrit*", għarrfet lill-Aġenzija illi hija kienet qiegħda "*teskala l-azzjonijiet tagħha fil-jiem li ġejjin sakemm tinstab soluzzjoni xierqa*" u għalhekk kienet qed tordna lill-Membri tagħha sabiex ma jirrispondu ebda telefonati u ebda emails lilhom mibgħuta, u dana b'effett mit-28 ta' Novembru 2024.

22. Jirriżulta illi tali Direttiva wasslet lill-Aġenzija sabiex titlob il-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni odjerna, liema Mandat ġie milqugħ provviżorjament fit-28 ta' Novembru 2024.

**Ikkunsidrat**

23. Jirriżulta car, mid-dokumentazzjoni kollha pprovduta kif ukoll mis-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, illi d-diverġenza illi wasslet għall-ħruġ tad-Direttivi, kienet id-direzzjoni mogħtija mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, ma' liema direzzjoni l-General Workers' Union ma qablitx, iżda ma ressqet ebda appell minnha.

24. Jirriżulta ċar ukoll illi, fejn jirrigwarda il-UHM, ir-raġuni 'l għaliex irriavvivat it-tilwima industrijali kienet għaliex il-GWU kienet, hija stess, irreġistrat tilwima industrijali w ordnat Direttivi.

25. Il-Qorti, hawnhekk tirrileva illi, a differenza ta' dak argumentat mill-GWU, it-tilwima illi għandha l-istess GWU tirrigwarda rikonoxximent ta' ċerti uffiċjali tal-Qorti bħala Membri tagħha, liema nuqqas ta' rikonoxximent ma' ġietx ikkawżata minn xi aġir tal-Aġenzija, iżda ġiet ikkawżata esklussivament minn deċiżjoni meħuda mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg abbażi tal-Artikolu 7 (1) tal-LS 452.112.

26. Jirriżulta ċar illi, la darba id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg ta direzzjoni lill-Aġenzija sabiex ma tirrikonoxxix it-talba tal-GWU, peress illi saret fil-perjodu ta' żmien li mhux permissibbli fil-Liġi, l-Aġenzija hija prekluża sabiex tqis ulterjorment kif ukoll tirrikonoxxi lill-GWU bħala rappreżentanti tal-Membri minnha indikati li kienet ser tibda tirrappreżenta, bir-riżultat illi l-istess Aġenzija hija prekluża milli tibda d-diskussjonijiet għal Collective Agreement il-ġdid mal-GWU għall-Membri mhux ġia rikonoxxjuti mid-Dipartiment.

27. Filwaqt illi tifhem illi l-GWU hija aggravata mid-deċiżjoni tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg tat-12 ta' Novembru 2024, il-Qorti tosserva li l-istess GWU, madanakollu, ma appellatx minn tali deċiżjoni, kif kellha kull dritt illi tagħmel, iżda minflok għażlet illi tirreġistra tilwima industrijali mal-Aġenzija, meta l-istess Aġenzija hija, ex lege, prekluża milli tikkunsidra favorevolment ir-rikjesta tal-GWU.

28. Għaldaqstant, il-Qorti tifhem ukoll illi l-GWU, u sussegwentement il-UHM, ma kellhom ebda jedd illi jirreġistraw tilwima industrijali fuq deċiżjoni tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, u għalhekk l-Aġenzija kienet korretta meta talbet il-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni odjerna.

29. Il-Qorti, madanakollu, tifhem ukoll, anke kif irriżultalha fit-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-Aġenzija, illi l-intenzjoni ta' l-Aġenzija ma kienx sabiex jinibixxi lill-intimati milli joħorġu kwalsiasi Direttivi oħra, kif għandhom kull dritt illi jagħmlu, iżda l-intenzjoni tagħhom hija sabiex jinibixxu lill-intimati milli joħorġu Direttivi oħra naxxenti minn talba tar-rikonoxximent da' parte tal-GWU, liema talba ma tistax issir qabel il-31 ta' Marzu 2025, u dana fi kliem id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg.

30. Għalhekk, filwaqt illi t-talba tal-Aġenzija timmerita illi tiġi akkolta, madanakollu l-effetti ta' tali inibizzjoni għandhom jiġu ristretti għal Direttivi naxxenti minn kwalsiasi kwistjoni in konnessjoni mar-rikonoxximent tal-GWU, kif ġia magħmul mill-istess GWU lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg f'email datata 5 ta' Novembru 2024, u eżebita a fol 11 u 12 tal-proċess, kif ukoll in konnessjoni ma'

diskussjonijiet dwar il-'Collective Agreement', liema inibizzjoni għandha tibqa' applikabbli sal-31 ta' Marzu 2025, wara liema data jirriżulta illi d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg jista' jerġa' jieħu in konsiderazzjoni t-talba tal-GWU.

31. Il-Qorti wkoll tieħu l-okkazzjoni sabiex tħeġġeġ lill-partijiet sabiex jibdew id-diskussjonijiet tal-Collective Agreement il-ġdid mill-aktar fis possibbli, u dana wara il-31 ta' Marzu 2025, in linja mad-direzzjoni mogħtija mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg.

**Deċiżjoni Finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u semgħet is-sottomissjonijiet orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fit-28 ta' Novembru 2024 billi:

**Tilqa'** t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif redatt mill-Aġenzija rikorrenti, b'dan illi għandu jibqa' hekk applikabbli sal-31 ta' Marzu 2025.

Spejjeż tal-Aġenzija għandhom ikunu a kariku tal-General Workers Union filwaqt illi l-UHM għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**